**18. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, ressaq din l-addenda għall-mozzjoni tal-Onor. Giovanna Debono:-**

Żid dan il-kliem:

"Iżda din il-Kamra tinnota:

(a) li mhux talli ma hux rikonoxxut ix-xogħol enormi li għamel il-Gvern Laburista matul l-aħħar sittax-il sena, bħal ma huwa:

- it-tkattir tal-ġid;
- it-tqassim aktar ekwu tiegħu;
- it-tkabbir tal-livell tal-għixien, speċjalment l-opportunitajiet tal-edukazzjoni għal kulħadd b'xejn;
- iż-żieda fis-servizz soċjali u tas-saħħa;
- it-tibdil ta' ekonomija ta' gwerra f'dik tal-paċi bit-twaqqif tal-industriji;
- il-qabża kbira fl-esportazzjoni;
- il-proġetti kbar tal-airport, il-portijiet, il-baċir il-kbir, it-tarzna l-ġdida u s-silo tal-qamħ;
- it-tisħiħ tad-demokrazija f'pajjiżna;
- u l-aktar u l-aqwa, il-fidwa tal-poplu tagħna mill-indħil barrani u l-kisba tal-ħelsien veru sħiħ fl-1979, u
- il-ħidma tal-poplu Malti mmexxi mill-Gvern Soċjalista għas-sliem u l-għaqda fil-Mediterran.

(b) imma anke qed isiru sforzi ħalli jinħatt ħafna minn dak li nbena b'tant sagrifiċċju, bħalma huma:
(i) l-istabbilità tal-prezzijiet tal-oġġetti essenzjali għall-ħajja;
(ii) intrapriżi tal-poplu mwaqqfa minn Gvern Soċjalista li minnhom igawdi kulħadd;
(iii) il-ftehim tan-negozju fuq bażi ta' reċiproċità li jassigura l-esportazzjoni tal-prodotti maħdum fil-fabbriki tagħna;
(iv) il-metodi ġodda li ddaħħlu fil-pajjiż ħalli art għall-bini tingħata b'irħis u l-bini ta' djar ġodda għall-poplu.".

Għaldaqstant din il-Kamra tiddeplora dawn in-nuqqasijiet u dawn l-attentati, mhux biss fihom infushom, imma anke għaliex dan kollu qed iseħħ fil-kuntest ta' baħħ kbir min-naħa tal-Gvern ta' pjani alternattivi, u b'hekk il-pass imgħaġġel tal-iżvilupp qed jiġi mwaqqaf, kif jixhdu l-fatt li xogħol tat-tfassil ta' pjani alternattivi u tal-ħidma tal-Gvern qed jingħata lil numru ta' bordijiet, kumitati u kunsilli li l-Gvern qed jipproponi li jwaqqaf ħalli jservu ta' paraventu għan-nuqqas ta' pjani u għan- nuqqas ta' ħila tal-Gvern.

Fuq kollox din il-Kamra *jisgħobbiha* li l-Gvern qed juri li ma għandu ebda pjani konkreti dwar il-qgħad u ma jsemmi li se jagħmel xejn dwar iż-żgħażagħ, dwar it-tarznari, dwar l-Air Malta, dwar it-tfittxija taż-żejt, u r-riżorsi naturali fl-ibħra madwar Malta.

Fl-aħħarnett, il-Kamra *tiddeplora* li:

(a) l-Gvern, minflok ma għamel bħal Gvern Soċjalista li tal-ispazju kollu meħtieġ lis-settur privat Malti biex jinvesti u biex fejn dan ma setax jasal, daħal huwa biex jerfa' l-piż tal-investiment kbir u fejn kien xieraq, daħħal fis-sehem ukoll investiment barrani, qed jisħaq

fuq il-ħtieġa tas-settur privat billi jagħti wieħed x'jifhem li dan is-settur biss jagħmel ħwejjeġ tajbin għall-pajjiż;

(b) Fl-istess waqt qed iwarrab għal kollox il-ħsieb li l-poplu kollettivament premezz tal-Istat jista' jagħti s-sehem utili tiegħu fl-iżvilupp tal-pajjiż;

(c) Bil-ħsieb ċar li jrid jimxi fuq eżempji ta' pajjiżi barranin bi gvernijiet reazzjonarji, il-Gvern qed juri li jrid, bla ġustifikazzjoni, iżarma l-intrapriżi tal-poplu u b'hekk qiegħed jiskarta għal kollox il-mudell tal- ekonomija mħallta, li hija l-aħjar mudell għal Malta, kemm mill-lat ekonokimu kif ukoll mill-lat soċjali, u b'hekk ukoll qiegħed jimxi bi spirtu ta' firda u jbiegħed aktar mill-għaqda u r-rikonċiljazzjoni tal-poplu Malti u Għawdxi.".

11.07.87